MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 91/2003

**Raymond D'Anastasi**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) rapprezentanti paga dovuta lill-attur u dan ghal perijodu ta' xahar f'Awissu 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
(i) Illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut.
(ii) Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta mill-provi li ser jingiebu quddiem dan l-Onorabbli Tribunal..

(iii) Salv eccezzjjoonijiet ulterjuri.

(iv) Illi l-konvenut m'ghaandux ibati l-ispejjes.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn huwa eccepixxa is-segwenti:-

Li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jisma' din it-talba peress illi din it-talba tmur kontra l-Artikolu 469AA tal-Kap. 12 fejn il-ligi tispecifika li Tribunal m'ghandux is-setgha li jissindika f'att amministrattiv. Inoltre dan il-kuncett gie ukoll stabbilit fil-kawza "PL Jonathan De Mariia vs Prim Ministru et" deciza fl-20 ta' Frar 1998 quddiem it-Tribunal Ghal Tallbiet Zghar presjedut minn Dr. Joseph Refalo u gie konfermat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 1999.

Sema'' x-xhieda tas-Supretendent Ronald Kelly.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' inkompetenza sollevata mill-konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' kompeetenza sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidra:-

Illi t-talba tal-attur tirrigwarda rifuzjoni tal-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) liema ammont gie mnaqqas mill-paga tal-attur ghax-xahar ta' Awissu 2001. L-attur kien u ghadu mpjegat fil-grad ta' Spettur mal-Korp tal-Pulizija. Mix-xhieda tas-Suprretendent Kelly jirrizulta li fl-20 ta' Lulju 2001 l-attur kien hareg bis-'sick leave' . Min-notament tal-25 ta' Lulju 2001 maghmul minn Dr. Sciberras, il-Medical Officer tal-Korp tal-Pulizija, jirrizulta li l-attur kien hareg bis-'sick leave'  minhabba'anxiety attack'' relatat max-xoghol tieghu. Fis-27 ta' Lulju 2001 il-file relattiv gie mghoddi lil Kummissarju tal-Pulizija li ddddecida li l-attur kellu jigi ezaminat minn Bord Mediku ai

termini tal-Artikolu 432 tal-Estacode u fil-fatt fl-1 ta’ Awissu 2001 saret talba lit-Tabib Principali tal-Gvern sabiex jinhatar dan il-Bord Mediku. Bejn iss-6 u 7 ta’ Awissu 2001 l-attur kien talab sabiex jirritorna lura ghax-xoghol izda kien gie nfurmat li huwa ma setghax jaghmel hekk qabel ikun hemm decizjoni tal-Bord Mediku. Dejjem skond ix-xhieda tas-Supretendent Kelly li kien qed jaghti nformazzjooni hekk kif kontenuta fil-‘file’ relattiv ghall-attur,, fit-23 ta’ Awissu 2001 ittiehdet decizjoni milll-konvenut, u dan wara konsultazzjoni mat-tabib tal-Korp, li l-attur seta’ jithalla jidhol lura ghax-xoghol u dan id-decizjoni ttiiiehdet ai termini tal-Artikolu 435(4) tal-Estacode. L-attur kien intitolat ghal xhar ‘sick leave on full pay’, xahar iehor ‘sick leave’ b’nofs paga u sussegentement ghal ‘sick leave’ minghajr paga. Jidher li fis-7 ta’ Awissu 2001 iinghataw struzzjonijiet sabiex l-attur jibda jithallas bil-‘half pay’ u dan peress li huwa kien ezawrixxa x-xahar ‘sick leave on full pay’ li ghalih kien intitolat. Is-Supretendent Kelly jghid li mill-‘file’ relattiv ma jirrizultax li l-attur fil-fatt qatt deher quddiem Bord Mediku. L-attur beda’ jithallas bil-‘full pay’ meta gie awtorizzat jidhol lura ghax-xoghol.

Ghalkemm ma jghidx hekk specifikatament fl-Avviz tat-Talba, jidher li l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tal-ammont li tnaqqaslu mill-paga mis-7 ta’ Awissu 2001 sa meta huwa gie awtorizzat jidhol lura ghax-xoghol u cioe ghal perijodu li huwa kien qed jithallas bil-‘half pay’. Huwa qieghed ghalhekk jikkontesta d-decizjoni li ttiehdet mill-konvenut li l-kaz tieghu jigi riferit lil Bord Mediku u d-decizjoni li huwa ma jithalliex jidhol lura ghax-xoghol, nonostante li bejn is-6 u s-7 ta’ Awissu 2001 huwa kien talab l-awtorizzazzjoni li jidhol lura ghax-xoghol,

Illi dan it-Tribunal necccessarjament irid jistharreg dan l-ghemil, jew ahjar id-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissarju tal-Pulizija, qabel ma jkun jista’ jghaddi sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ Lm200.00 li gie mnaqqas mill-konvenut mill-paga tal-attur ghax-xhar ta’ Awissu 2001. Il-konvenut jirritjeni li d-decizjoni mehuda mill-konvenut tikkostitwixxi att amministrattiv u li ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12

dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi jew jistharreg dwar eghmil amministrattiv. L-attur min-naha l-ohra jsostni li l-azzjoni attrici ma tirrigwardax att amministrattiv peress li ma kien hemm ebda decizjoni amministrattiva ghaliex skond hu l-Estacode ma tiffurmax parti mill-ligijiet tal-pajjiz.

Illi skond l-Artikolu 3(2) tal-Att V tal-1995 dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi dwar it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux izjed minn Lm1,500.00. L-Artiklu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-
*"Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati ta'' gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu il-validita' ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*
*(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*

*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu, jew*
*(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil, jew*
*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita'' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*
*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."*

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li ghamel referenza ghaliha l-attur, u cioe' dik tad-29 ta' Jannar 1999, **fil-kawza fl-ismijiet "Il-Prokuratur Legali Jonathan De Maria vs Il-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija (Avviz Numru 662/97JR)** l-Onorabbli Qorti tal-Appell stabbilit li l-Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni esklussiva sabiex jistharrgu eghmil amministrattiv u dan ai termini tas-sub-inciz (1) tal-

Artikolu 469A tal-Kap. 12. F'din is-sentenza intqal is-segwenti:-
*"Kif sewwa kkunsidra t-Tribunal fid-decizjoni appellata, l-Att kostituttiv tieghu ma jaghtihx il-kompetenza biex jissindika l-ghemil imwettaq minn awtorita' pubblika u li jistharreg il-validita' ta' xi ghemil amministrattiv. "*

Illi una volta stabbilit il-fatt li dan it-Tribunal certament m'ghandux kompetenza sabiex jistharreg il-validita' ta' xi eghmil amministrattiv irid issa jigi deciz jekk id-decizjoni mehuda mill-konvenut, u li kif diga' gie spjegat aktar il-fuq tifforma l-mertu fil-kaz odjern, ghandihiex tigi kkunsidrata bhala att amministrattiv. Dan jinghad ukoll fid-dawl ta' dak li diga' inghad aktar il-fuq fis-sens illi dan it-Trtibunal certament ma jisthgax jidddeciedi dwar it-talba attrici minghajr ma jindaga dwar id-decizjoni li ttiehdet mill-konvenut sabiex l-attur ma jithalliex jirritorna lura ghax-xoghol mis-'sick leave' sakemm l-istess attur jidher quddiem Bord Mediku. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Frar 2001 fil-kawza fl-ismijiet **'Helen Borg et vs Il-Prim Ministru et'** fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell enfasizzat li l-Artikolu 469A (6) tal-Kap. 12 jikkonsidra l-impjieg mal-Gvern bhala 'Rapport Specjali" u regolat b'disposizzjonijiet specifikatament applikabbli ghalih. Dan it-Tribunal jidhirlu li d-decizjoni mehuda mill-konvenut fil-kaz odjern tirrigwarda l-impjieg tal-attur mal-Gvern,, liema mpieg huwa kkunsidrat bhala rappporrt specjali kif ghadu kemm inghad, u ghalhekk kwalsiasi decizjoni rigwardanti dan l-impieg  certament tikkostitwixxi eghmil amministrattiv fil-parametri tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Isegwi ghalhekk li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jistharreg dwar dan l-eghmil amministrattiv.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut, jiddikjara ruhu nkompetenti 'rationae materiae' milli jiehu konjizzjoni tal-kaz odjern u konssegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess kaz u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati nterament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------